# Il-Mogħża

Lill-mogħża jafha kulħadd; kulħadd jaf li hi bhima ġwejda, xi drabi fuq ruħha, li tagħtina l-ħalib kuljum u li minnha naraw mat-triqat tagħna għaddejjin merħliet sħaħ mixjin wara sidhom, minn filgħodu sa ma jidlam ċappa. Iżda mhux kulħadd jaf l-ismijiet li di'l-bhima jista' jkollha u l-aġġettivi li nagħtuha skond iż-żmien, il-lewn u ħwejjeġ oħra li jkollha jew l-istat li tinsab fih.

Għalhekk jiena ħsibt li ngħid xi ħaġa żgħira għal dawk li jixtiequ jafu bir-reqqa l-ħwejjeġ ta' madwarhom, biex meta jiktbu jkunu jifhmu sewwa dak li qegħdin igħidu.

Ngħidulha "mogħża" lil din il-bhima li semmejna fuq, meta tkun għallinqas għamlet jew ferrgħet, darbtejn.

Il-ferħ (wild) tal-mogħża jgħidulu "gidi" jew "gidja", skond ma jkun raġel, jew mara.

Il-gidja, meta tikber li tkun tista' titgħammar (jiġifieri toħbol, tnissel) u jkollha l-friegħ, igħidulha "Għaniqa"

Meta tagħmel l-ewwel darba, igħidulha "għaniqa ta' l-ewwel".

Il-mogħża tista' tkun ta' ħafna lwien, u jgħidulha *bajda, ħamra, sewda, xaqra,* eċċ. meta tkun kollha kemm hi ta' wieħed jew ieħor minn dawn il-lwien li semmejna, iżda,

Jekk tkun bajda bi tbiegħi kbar ta' lewn ieħor, igħidulha *belqa*: belqa *bl-aħmar*, jekk it-tebgħa tkun ħamra, belqa *bl-iswed*, jekk it-tebgħa tkun sewda.

Xi drabi jkollha x-xagħar abjad b'xi waħdiet sewdenin u billi dik it-taħlita ta' lwien tkun tagħti fl-ikħal, lill-mogħża jgħidulha *kaħla.*

Jekk bla qrun, igħidulha *fartasa.*

Jekk bil-qrun, igħidulha *muqrana.*

Jekk widnejha twal bosta *torka.*

Jekk widnejha qosra ħafna u mibrumin, igħidulha *garruwa.*

Jekk widnejha mdaqqsin, *barżakka.*

Jekk żgħar u mgerb'bin, *mondija.*

Sider il-mogħża jgħidulu "driegħ" driegħ-il-mogħża.

Il-mogħża tista' terħi, tarfa' tniżżel jew ittalla' driegħha.

Il-mogħża jgħidulha *li titfa' 'l barra,* meta hi u timxi titfa' sidirha għal wara saqajha, u għalhekk ma tkunx tajba ħafna għall-mixi.

D. K.

# KOTBA ĠODDA

ĠUŻE GALEA — *Żmien l-Ispanjoli*, pp. 292. Stampat għand Giov. Muscat.

Fost il-kotba bil-malti li ħarġu din is-sena, ebda wieħed ma jista' jissemma iżjed minn dan. Għad illi r-riżultat tal-konkors imniedi mill-Gvern għall-aħjar rumanz jew rumanzi ħareġ xhur ilu, in-nies kienet tistenna, u bir-raġun, li tara hija nfisha x'rumanzi kienet għażlet il-Kummissjoni. Issa ħareġ l-ewwel wieħed jiġifieri dak li ħa t-tieni premju li huwa tat-Tabib Ġużè Galea jismu *Żmien l-Ispanjoli.*

Nistgħu ngħidu li mill-ewwel daqqa t'għajn il-ktieb iħajrek taqrah u meta taqrah għandu żgur iogħġbok. Kif inhu mqassam fi tliet taqsimiet u ħafna kapitoli żgħar miktuba bi stil sabiħ, kliem mexxej, deskrizzjonijiet qosra u ħelwa, djalogi ħajja, meta tibda taqrah ma tkunx trid tieqaf qabel ittemmu; bħala rumanz, jew aħjar bħala "novel" kif isejħu l-Ingliżi kitba ta' din ix-xorta, jista' jitqiegħed ħdejn kull wieħed ieħor barrani u bħala biċċa kitba maltija għandu joqgħod fost ta' l-ewwel. Il-fond storiku tar-rumanz li qiegħed dwar tliet biċċiet sbieħ ta' l-istorja ta' Malta: il-fidwa ta' Malta minn taħt idejn Monroi, il-miġja u t-tkeċċija tal-furbani minn artna u ż-żjara lil Malta tar-Re Alfonsu l-Qalbieni, isebbaħ il-ġrajja li tintiseġ miegħu mill-bidu sa l-aħħar. Kemm hu sabiħ u kemm igħallem rumanz storiku bħal dan, u kemm għandna bżonn iżjed minn din ix-xorta ta' rumanzi li fil-ħin li jgħidu ġrajjiet sbieħ u jpinġu karattri ta' nies bi lwien l-iżjed ħajja, igħallmu l-istorja ta' pajjiżna, ifakkru fi drawwiet aktarx minsija u juru u jdaħħlu ġo qlubna l-għemil kbir u qaddis ta' missirijietna!

Ma jistax ikun noqogħdu nsemmu l-ġrajja kollha ta' dan ir-rumanz l-ewwelnett għaliex biex inġibuha fil-qosor intellfu ħafna mill-ħlewwa u min-nisġa tagħha u t-tieninett intellfu wkoll il-gost ta' minn għadu ma qrahx — iżda ma nistgħux ma ngħidux kemm laqtuna xi bċejjeċ minnu:

Taqra u tara quddiem għajnejk żiemel għaddej jiġri b'rikkieb fuqu, tisma' l-passi, tisma' l-leħġa; minn quddiem niċċa tal-Madonna żewġt itfal ragħajja jsejħulu u jitolbuh inewlilhom iż-żir